Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Settembru 2022**
**(OR. en)**

**12079/22**
**ADD 1**

**RECH 483**
**COTRA 25**

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| lil: | Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 9565/22 + ADD 1 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Kanada għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tal-Kanada ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027)<br>- Adozzjoni<br>= Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq.

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL LI TAWTORIZZA L-FTUĦ TA' NEGOZJATI GĦAL FTEHIM MAL-KANADA DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAGĦHA FI PROGRAMMI TAL-UNJONI U L-ASSOĊJAZZJONI TAGĦHA MA' ORIZZONT EWROPA**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tfakkar id-dritt ta' inizjattiva tagħha b'rabta mal-proposta inizjali ta' ftehim internazzjonali. Dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu skont il-każ filwaqt li jitqiesu l-merti tar-relazzjonijiet bilaterali inkwistjoni u skont il-proċeduri stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat (l-Artikolu 218 TFUE). B'dan il-mod, il-Kummissjoni qed tirrispetta l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet kollha involuti fil-proċedura tan-negozjar u l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, u qed taġixxi f'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera u trasparenza bejn l-istituzzjonijiet.